Illum 28 ta' Lulju, 2020

Affidavit ta' **Keith Schembri**, iben Alfio u Josephine nee Gauci imwieled San Ġiljan, residenti Mellieħa, detentur tal-karta tal-identita' numru 331975M li bil-ġurament tiegħu qed jiddikjara:

1. Nibda biex ngħid li jiena qed nagħmel dan l-affidavit wara li ġie publikat fil-media rapport tal-NAO dwar il-konċessjoni mogħtija lil Vitals Global Healthcare fejn f'siltiet mill-istess rapport jintefa dawl fuqi bħala persuna li għamilt irregolaritajiet in konnessjoni ma' MOU li kien ġie iffirmat bejn Malta Enterprise u xi kumpaniji relatati mal-Vitals.

2. Jiena irċevejt ittra mingħand l-NAO li waslet f'idi il-bieraħ 27 ta' Lulju, 2020 li kienet tistipula li kelli nagħti tweġiba għal xi mistoqsijiet sal-jum tal-Ġimgħa 24 ta' Lulju, 2020, jiġifieri tlett ijiem qabel ma l-ittra msemmija waslet għandi. Ngħid ukoll li minn qari tal-istess rapport jidher ċar li l-NAO tkellmet ma' bosta nies involuti qabel ma ħejjiet ir-rapport tagħha iżda fil-każ tiegħi nikkonferma illi għajr l-ittra li waslet f'idi lejliet il-pubblikazzjoni tal-istess rapport, ħadd ma indejna ruħu jibgħat għaliha sabiex nispjega il-ftit informazzjoni li naf dwar dana l-MOU.

3. Niddikajra illi dan l-MOU ma nnegozjatux jien, ma ktibtux jien, ma ffirmatjux jien u ma kelli l-ebda involviment fih.

4. Il-persuni responsabbli min naħa tal-Malta Enterprise għal dawn l-affarijiet kien is-Sur Mario Galea.

5. Ngħid bil-ġurament li l-involviment tiegħi kien biss li fuq talba tal-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Malta Enterprise provdejna kamra f'Kastilja biex jiġi ffirmat dan l-MOU li għamlu huma u xejn aktar.

6. Firmatarju għal Gvern kien l-Onorevoli Chris Cardona li dak iż-żmien kien Ministru tal-Ekonomija. Sa fejn naf jien, l-Onorevoli Cardona dak iż-żmien, għalkemm kien hu li ffirma dan l-MOU bħala l-Ministru responsabbli, ma kienx involut fin-negozjati ta' qabel l-iffirmar.

7. Jiena, salv għas-Sur Mario Galea ma nafx min aktar kien involut fin-negozjati ta' qabel l-iffirmar ta' dan l-MOU għax kif spegajt aktar il-fuq ma kellix involviment f'dan il-proċess.

8. Jiena niċħad b'mod assolut li servejt bħala xi "id moħbija" kif ġie rapportat minn meżżi tax-xandir. Nispjega li lanqas biss naf x'kompla jiġri dwar dan is-suġġett għajr dak li kont nisma waqt id-diskussjonijiet fuq il-kwistjoni Vitals fil-laqgħqat tal-Kabinett.

9. Issa drajt li fil-konfront tiegħi, hawn min għandu interess li lili jħammiġni u jinvolvini f'affarijiet li qatt ma kienu fil-kontroll tiegħi jew li kelli x'naqsam magħhom.

10. Sfortunatament għalija, għal xi wħud sirt komdu li nispiċċa fil-mira ta' dak kollu li qed jiġi attribwit lill-Gvern fi żminijiet meta Dr. Joseph Muscat kien Prim Ministru ta' Malta.

11. Xi wħud iħosshom komdi jattakkaw lili. Da parti tiegħi jiena dispost bħal ma dejjem għidt li nagħti spjega ta' dak kollu li naf jekk pero' niġi mistoqsi kif suppost u mhux kif ġara f'din l-okkażjoni, fejn ir-rapport tal-NAO ġie konkluż l-għada li jien irċevejt ittra b'xi domandi mingħandhom.

Iffirmat:

**Keith Schembri**

Illum 28 ta' Lulju 2020
Deher Keith Schembri
K.I. nru 331975M
li halef il-korrettezza ta' dan l-att wara li qrajtulu.

Daniel Aquilina B.A., L.P.
Kummissarju bis-Setgha li Taghti Gurament